

Brussell, 29 ta' April 2025
(OR. en)

7852/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0082(NLE)

ACP 21
WTO 25
COAFR 75
RELEX 432

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-FSE u fi ħdan il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE, tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi, u tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill tal-FSE u fi ħdan il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill tal-FSE,
tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim
u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi,
u tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024.
- (2) Skont l-Artikoli 104 u 106 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE u l-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, rispettivament, huma stabbiliti mad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 104(3) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Skont l-Artikoli 105(3) u 120 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE għandu jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.
- (5) Skont l-Artikolu 107(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-FSE u fi ħdan il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, peress li d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura rispettivi tagħhom, u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi, se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.

¹ Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (ĠU L 2024,/1648, 1.7.2024).

- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-FSE u fi ħdan il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura, u r-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi rispettivi tagħhom tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet rispettivi tal-Kunsill tal-FSE u tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja meħmuża ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-FSE, stabbilit skont l-Artikolu 104 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-FSE rigward ir-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, stabbilit skont l-Artikolu 106 tal-Ftehim fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
